FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR. JOSEPH S. REFALO LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 1 TA' DICEMBRU, 1995

AVVIZ Nru. SCT10/95 JR

Iwueke Damian u Graziella

vs

Grech Edwin

It-Tribunal qara l-att tal-avviz fl-ismijiet premessi; u r-risposta relattiva;

Wara li sema l-provi, ra d-dokumenti u ikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Jirrizulta li fil-fatt tidher aktar kredibbli il-versjoni tal-attrici, fis-sens li l-atturi hargu mil-fond fl-1 ta' Lulju, 1995. Is-sottoskritt innota wkoll dak li xehed il-konvenut fir-rigward u cioe' li ma jafx hargux fit- 3 ta' Lulju.

Is-sottoskritt ma hux soddisfatt li fil-fatt id-dokument A jammonta ghall-terminazzjoni ta' kirja, izjed dana jirrigwarda l-ghoti lura tac-cwievet.

Qamet kontroversja dwar il-kont tat-telefon, pero' is-sottoskritt ma jhossx li din ghandha xi import fil- kaz

....../odjern

odjern dwar jinghatax id-depozitu lura.

Jirrizulta li mill-ammont dovut thallas l-ammont ta' Lm60.81., u ghalhekk hemm bilanc ta' Lm4.19. Jirrizulta pero' li l-pagament sar qabel ma gie notifikat il-konvenut bl-avviz.

Ghall dawn il-mottivi tilqa' t-talba attrici ghall-bilanc ta' Lm4.19., u kull parti tissoporta l-ispejjez taghha.

F.Galea

Dep.Registratur

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.